MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Rikors Numru. 22/2003/1

**Blaschem (Malta) Limited**

**vs**

**L-Avukat Generali u r-Registratur tal-Qrati illum imsejjah Direttur Generali (Qrati)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tas-socjeta Blaschem (Malta) Limited fejn gie premess:-

Illi l-esponenti hija socjeta' kummercjali ffurmata fl-1997 bil-ghan ewlieni illi timmanufattura prodotti farmaceutici,

liema attivita’ hija sa mill-bidu kienet tizvolgi unikament u interament minn go fabbrika f’ Bulebel Industrial Estate, Zejtun;

Illi fl-14 ta’ Dicembru 2001 inhareg mandat ta’ sekwestru kawtelatorju kontra s-socjeta’ esponenti ghas-somma ta’ mija u hamsa u erbghin elf lira maltin (Lm145000), liema mandat igib in-numru 3371/01 fl-ismijiet “Bruno Romano’ versus Blaschem (Malta) Limited” u r-rikors ghall-hrug ta’ dan il-mandat kien gie pprezentat fl-istess gurnata illi fih gie akkordat, u cioe’ fl-14 ta’ Dicembru 2001;

Illi fil-21 ta’ Dicembru 2001, is-socjeta’ esponenti pprezentat rikors fl-atti ta’ l-imsemmi mandat illi permezz tieghu talbet, *inter alia*, ir-revoka *in toto* jew *in parte* ta’ l-istess mandat a tenur ta’ l-artikolu 836(1) tal-Kap.12, u dana ghar-ragunijiet indikati fl-istess rikors u fl-ahhar parti tar-rikors is-socjeta’ esponenti talbet lill-Qorti sabiex tisma’ r-rikors b’urgenza a tenur ta’ l-artikolu 836(2) tal-Kap.12 u in vista tar-ragunijiet indikati fl-istess rikors;

Illi l-imsemmi rikors, li jgib in-numru 1906/01, beda jinsetma’ minn dina l-Onorabbli Qorti fid-9 ta’ Jannar, 2002, u bejn din id-data u t-30 ta’ Mejju 2002 ingabru l-provi tal-kontendenti;

Illi f’zewg udjenzi mill-ghaxra li nzammu fl-imsemmi perijodu, u cjoe’ fl-udjenzi tas-17 ta’ Jannar 2002 u tat-28 ta’ Jannar 2002 ma sar xejn billi dawn gew differiti b’ordni tal-Qorti u f’udjenza ohra, dik tal-21 ta’ Marzu 2002, l-avukat ta’ l-intimat Bruno Romano’ ma setax jaghmel il-kontro-ezami ta’ Luisa Pedroni Blasina billi t-traskrizzjoni tax-xhieda taghha baqghet ma tlestietx u dina l-informazzjoni ttirrizulta mill-verbali ta’ l-udjenzi msemmija;

Illi fl-ahhar udjenza li nzammet fit-30 ta’ Mejju 2002, ir-rikors in kwestjoni gie differit ghad-digriet *in camera*, bil-fakolta’ lill-partijiet illi jipprezentaw nota ta’ osservazzjonijiet fi zmien xahar kull wiehed;

Illi minkejja l-interess u r-rieda tas-socjeta’ esponenti illi tressaq is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub fit-terminu

moghti mill-Qorti, hija ma setghetx taghmel dan billi ghal darb'ohra t-traskrizzjoni tax-xhieda baqghet ma tlestietx (din id-darba si trattava tax-xhieda ta' l-intimat Romano') u difatti, minhabba f'dan in-nuqqas da parti ta' l-awtoritajiet amministrativi tal-Qorti, l-avukat tas-socjeta' esponenti kien kostrett jipprezenta rikors (ipprezentat fit-2 ta' Lulju 2002 bil-firma ta' l-avukati taz-zewg partijiet u akkordat mill-Qorti fil-25 ta' Lulju 2002) li permezz tieghu talab lill-Qorti testendi z-zmien ghall-prezentata tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu sal-31 ta' Lulju 2002 u taghti xahar iehor lill-kontroparti ghan-nota responsiva tieghu;

Illi s-socjeta' esponenti debitament ipprezentat in-nota ta' osservazzjonijiet taghha mentri l-intimat Romano' naqas milli jipprezenta n-nota responsiva tieghu;

Illi sa llum ir-rikors in kwestjoni tas-socjeta' esponenti ghadu ma giex dekretat, u dana minkejja d-dekors ta' aktar minn ghaxar xhur u nofs minn mindu nghalaq definitivament iz-zmien ghall-prezentata tas-sottomissjonijiet tal-partijiet; jinghad ukoll illi fis-27 ta' Gunju 2003, is-socjeta' esponenti pprezentat rikors li permezz tieghu talbet lill-Qorti sabiex tiddekreta r-rikors in kwestjoni kemm jista' jkun malajr, izda lanqas dan ir-rikors tas-27 ta' Gunju 2003 ma gie dekretat;

Illi dan id-dewmien ghall-prolazzjoni tad-digriet, kif ukoll id-dekors ta' aktar minn sena u nofs mill-prezentata tar-rikors in kwestjoni ghas-smiegh u eventwali determinazzjoni ta' l-istess rikors (u kull dewmien ulterjuri sa ma jigi determinat ir-rikors), ma jistax jitqies gustifikat, specjalment in vista tan-natura tal-proceduri in kwestjoni;

Il-proceduri in kwestjoni jikkoncernaw biss talbiet maghmula b'rikors fl-atti ta' mandat kawtelatorju u determinabbli b'semplici digriet, u mhux talbiet dwar il-jeddijiet imsemmija fil-mandat, liema talbiet huma determinabbli b'sentenza u min-natura taghhom jirrikjedu izjed zmien stante li jinvolvu t-trattazzjoni approfondita tal-mertu u jqajmu kwestjonijiet aktar komplessi (fil-kaz odjern, it-talbiet relattivi ghall-jeddijiet imsemmija fil-mandat tressqu mis-sekwestrant Bruno Romano' permezz

tac-citazzjoni numru 1892/01, pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti); u

Il-proceduri in kwestjoni huma ta' natura urgenti. L-Artikolu 836(2) tal-Kap. 12 jiddisponi kjarament u bla rizervi illi "fil-kazijiet mahsubin bil-paragrafi *(b)* sa *(f)* tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu (illi fuq uhud minn dawn il-paragrafi huwa msejjes ir-rikors in kwestjoni), il-qorti ghandha tisma' r-rikors bl-urgenza" (sottolinear ta' l-esponenti);

Illi huwa evidenti li l-ligi tqis urgenti l-kazijiet bhall-kaz odjern fejn persuna li kontriha jinhareg mandat kawtelatorju titlob il-hrug tal-kontromandat relativ, sabiex jigi minimizzat kemm jista' jkun il-pregudizzju li tali persuna tista' ssofri, pregudizzju li fil-kaz odjern mhux biss huwa serjissimu in vista tas-somma kbira sekwestrata, izda li, kif jigi pprovat fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors odjern, effettivment issarraf fit-twaqqif ghal kollox ta' l-attivitajiet kummercjali tas-socjeta' esponenti billi hija kienet kostretta taghlaq l-uniku sors ta' qligh taghha, u cjoe' il-fabbrika li ghandha f'Bulebel b' investiment ta' madwar miljun dollaru Amerikan, u dana minhabba li b'konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru in kwestjoni hija la setghet aktar thaddem il-kontijiet bankarji taghha u lanqas setghet tkompli timmanifattura l-prodotti taghha billi l-materja prima necessarja u destinata ghal tali produzzjoni inqabdet u ghadha maqbuda f'idejn il-Kontrollur tad-Dwana u importazzjoni ulterjuri ta' tali materja prima ma setghetx issir ghax altrimenti kienet tigi blokkata bl-istess mod fid-Dwana;

Illi kif ser jigi ukoll ipprovat fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors odjern, id-dewmien lamentat holoq stat ta' incertezza u ta' ansjeta kontinwi gravi hafna ghas-socjeta' esponenti u ghad-dirigenti taghha, (a) incertezza stante li l-futur u viabilita' ekonomika tal-fabbrika tas-socjeta' esponenti kien jiddependi, u l-futur u l-viabilita' ekonomika tas-socjeta' esponenti nfisha huwa dipendenti, mid-decizjoni dwar ir-rikors in kwestjoni, u (b) ansejta' stante l-importanza primordjali tal-proeduri in kwestjoni in vista ta' l-effett nefastissimu tal-mandat relativ fuq in-negozju tas-socjeta' esponenti;

Illi ghalhekk, b'rizultat ta' dan id-dewmien ingustifikat fuq imsemmi, is-socjeta' esponenti sofriet, qeghda ssofri u sejra tkompli ssofri ksur tad-dritt fondamentali taghha ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli sancit bl-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

Illi inoltre, b'konsegwenza ta' l-imsemmi dewmien ingustifikat, gie serjament menomat, jekk mhux addirittura rez ineffikaci u illuzorju, id-dritt tas-socjeta' esponenti ghall-access effettiv ghal qorti, dritt garantit bl-imsemmija Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dana stante li l-iskop kollu tar-rikors, u cjoe' illi jissalvagwarda l-futur u l-viabilita' ekonomika tan-negozju tas-socjeta' esponenti, qieghed jingieb fix-xejn (jekk mhux gia sfaxxa fix-xejn bl-eghluq tal-fabbrika tas-socjeta' esponenti) kawza ta' l-imsemmi dewmien fid-determinazzjoni tar-rikors in kwestjoni;

Illi l-fatti tal-kaz odjern jaghtu lok ghall-ksur ta' aspett importanti iehor ta' l-imsemmi dritt fondamentali ghal smiegh xieraq, u cioe', ghall-ksur tal-principju ta' l-*equality of arms*, u dana billi l-kondizzjonijiet applikati fil-konfront tas-sekwestrant Romano' ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru in kwestjoni kienu hafna aktar vantagguzi minn dawk li qeghda tiffaccja s-socjeta' esponenti fil-proceduri taghha ghall-hrug tal-kontro-mandat relativ kawza tad-dewmien fuq imsemmi;

Illi l-istess fatti tal-kaz odjern jaghtu lok ukoll ghall-ksur ta' l-Artikolu 45 tal-kostituzzjoni abbinat ma' l-Artikolu 39 ta' l-istess Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea abbinat ma' l-Artikolu 6 ta' l-istess Konvenzjoni, fis-sens illi s-socjeta' esponenti hija vittma ta' diskriminazzjoni bi ksur ta' l-imsemmija artikoli billi l-access ghall-qorti favur is-sekwestrant Bruno Romano' u s-smiegh moghti lilu kienu infinitament aktar pronti u effikaci – ir-rikors ta' Romano' gustament gie dekretat dainhar stess illi gie pprezentat – milli kienu ghas-socjeta' esponenti sekwestrata illi min-naha taghha, aktar minn sena u nofs wara l-prezentata tar-rikors taghha, ghadha

qed tistenna d-determinazzjoni ta’ l-istess da parti tal-Qorti;

Illi fl-ahharnett, id-dewmien ingustifikat fis-smiegh tar-rikors in kwestjoni tas-socjeta’ esponenti jikkonstitwixxi ukoll vjolazzjoni tad-dritt fondamentali ta’ l-istess socjeta’ esponenti ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha, dritt sancit bl-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea, u dana billi l-istess dewmien irrenda u qieghed jirrendi prekarju u incert in-negozju tas-socjeta’ esponenti;

Ghalhekk is-socjeta’ rikorrenti qed titlob li dina l-Qorti taghtiha ir-rimedji kollha xierqa biex tizgura t-twettiq tad-drittijiet fondamentali fuq imsemmija, billi fost l-ohrajn:

tiddikjara u tiddeciedi illi d-dewmien fil-process tas-smiegh u eventwali determinazzjoni tar-rikors tas-socjeta’ esponenti numru 1906/01 fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru numru 3371/01 fl-ismijiet “Bruno Romano’ *versus* Blaschem (Malta) Limited” kiser, qieghed jikser u kemm itul ulterjorment dan id-dewmien ser ikompli jikser is-segwenti drittijiet fondamentali tas-socjeta’ esponenti:

id-dritt fondamentali ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli, sancit bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

id-dritt ghall-access effettiv ghall-qorti, element kostitutiv iehor tad-dritt fondamentali ghal smigh xieraq sancit bl-istess Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

il-principju ta’ l-*equality of arms,* ukoll formanti parti mid-dritt fondamentali ghal smigh xieraq sancit bl-imsemmija Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

id-dritt fondamentali ghall-protezzjoni mid-diskriminazzjoni, sancit bl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, abbinati

rispettivament ma’ l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ma’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea; u

id-dritt fondamentali ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti, sancit bl-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea;
Is-socjeta rikorrenti qed titlob ukoll li tinghata kumpens xieraq ossia *just satisfaction* ghal-lezjoni tad-drittijiet fondamentali minnha sofferta u li tinghata kull rimedju iehor xieraq u opportune;

Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta ta’ l-intimat Avukat Generali fejn gie sottomess:-

Illi preliminarjament l-esponent mhux legittimu kontradittur in kwantu m’ ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-partijiet msemmija fil-proceduri civili minnhom intentati u ma’ l-allegat dewmien li minnu qed tilmenta s-socjeta’ rikorrenti. L-Avukat Generali m’ ghandux kontroll fuq l-andament tal-kawzi u wisq anqas jista’ jintrometti ruhu fl-operat tal-qrati civili ghaliex jekk dan ikun permess il-principju ta’ l-indipendena tal-gudikatura jigi lez;

Ghalhekk ma jaghmilx sens li l-Avukat Generali, li kostituzzjonalment jifforma parti mill-ezekuttiv, ikun il-legittimu kontradittur f’kawzi fejn qed jigi allegat li qorti tkun tawlet bla bzonn is-smigh taghhom;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju u fil-mertu jidher *ictu oculi* li l-lanjanzi tar-rikorrenti huma bla bazi guridika jew fattwali izda l-esponent jirrizerva li jeccepixxi ulterjorment meta jkollu ghad-disposizzjoni tieghu l-inkartament tal-processi lamentati u dan billi kif eccepit preliminarjament hu qatt ma’ kellu relazjzoni guridika mal-kontendneti l-ohra;

Ghal kull buon fini jinghad li kuntrarjament ghal dak li tghid ir-rikorrenti, l-organi ta’ Strasburg qalu ir-ragonevolezza tat-tul tal-proceduri gudizzjarji tiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u mhux b’semplici kontegg taz-zmien li

tkun damet procedura biex tigi deciza mill-Qorti **(Konig v FRG Series A 27 para 99, 1978);**

Fil-kawzi Konig v Buchholz v FRG intqal li:

*"… the state is not responsible for delay that is attributable to the conduct of the applicant. While an applicant is entitled to make use of his procedural rights, any consequential lengthening of proceedings cannot be held against the state … The responsibilities of the applicant in … are … to 'show diligence in carrying out the procedural steps relevant to him, to refrain from using delaying tactics and to avail himself of the scope afforded by domestic law for shortening proceedings'."*

Ghaldaqstant l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservazzjoni tal-gudizzju u subordinatament r-rikors promotur jkun michud fil-mertu;

Rat ir-risposta tal-intimat Registratur tal-Qrati fejn gie sottomess :-

Illi l-esponenti mhux legittimu kontradittur peress li huwa ufficjal subordinat ghall-Qrati, liema funzjoni hija amministrattiva u ma tippermettilux li jkollu kontroll fuq l-operat gudizzjarju; u peress li l-ligi tghid min f'kawza bhal din ghandu jkun il-legittimu kontradittur;

Bla pregudizzju ghal dan, ir-rikorrent m' ezawriex ir-rimedju ordinarju kontemplat fl-artikolu 836(1) tal-Kap 12 billi ma jirrizultax mir-rikors li ressaq it-talba tieghu fl-atti tac-citazzjoni numru 1892/01, liema kawza hija intimament konnessa ma' l-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 3371/01 (ara Joseph *sive* Giuzeppi Schembri vs Registratur tal-Qrati Superjuri et – rikors kostituzzjonali nurmu 18/2003/CFS, 15 ta' Lulju, 2003).

Subordinatament, it-trapass ta' ghaxar xhur zmien mhux irragonevoli. Mill-korp tar-rikors jirrizulta li f'erba' xhur (Jannar-Mejju 2002) saru ghaxar seduti, u li in segwitu kellhom isiru noti ta' osservazzjonijiet. Jista' r-rikorrent ikun pazjenti u jaghti lill-Qorti zmien biex tiddelibera, fid-

dawl tac-cirkostanzi tal-kaz, l-assjem tas-smigh ta’ l-atti kawtelatorji u l-fatt li dawn jistghu jincidu fuq il-mertu ta’ l-atti fic-citazzjoni msemmija. Rigward ghandu jinghata wkoll ghall-listi ta’ kawzi ohra li ghandha din il-Qorti. Ara wkoll *Capuano, Idrocalce u Tumminelli* (citati f’Nicholas Debono versus Registratur Principali tal-Qrati tal-Gustizzja et, (Qorti Kostituzzjonali, rikors nru 28/2002/1, 30 ta’ Gunju, 2003);

Ghaldaqstant l-esponenti ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju u subordinatament it-talbiet tar-rikorrenti jkunu michuda, bl-ispejjez;

Rat in-nota tas-socjeta rikorrenti tat-12 ta’ Awissu 2003 li biha gabet a konjizzjoni ta’ dina l-Qorti l-fatt li r-rikors numru 1906/01 li ghalih issir riferenza fil-paragrafu numru 3 tar-rikors promotur gie determinat permezz ta digriet moghti kameralment fit-23 ta’ Lulju 2003. Ghal kull buon fini s-socjeta rikorrenti kompliet tinforma li kien biss wara l-udjenza tal-31 ta’ Lulju 2003 fil-kawza odjerna li hi saret taf li l-imsemmi digriet inghata u dana nonostante l-verifiki maghmula regolarment mill-legali taghha ghal dan l-iskop qabel l-istess udjenza kemm fir-Registru kif ukoll permezz tal-website tal-Ministeru tal-Gustizzja;

Rat l-atti tal-mandat ta’ sekwestru 3371/01 degretat fl-14 ta’ Dicembru 2001;

Rat l-affidavits ta’ Pietro Blasina u Luisa Pedroni Blasina presentati mis-socjeta rikorrenti;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta rikorrenti;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti;

Rat in-nota responsiva tal-intimat Avukat Generali;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenbti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza:

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li s-socjeta’ rikorrenti hi socjeta kummercjali u l-ghan ewlieni taghha hu il-manifattura ta’ prodotti farmaceutici ghall-esportazzjoni. Jirrizulta ukoll li fl-14 ta’ Dicembru 2001 certu Bruno Romano’ ottjena il-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju (numru 3371/01) kontra s-socjeta’ rikorrenti ghas-somma ta’ mija u hamsa u erbghin elf lira maltin (Lm145000) u dana sabiex jikkawtela xi pretensjonijiet li huwa kellu kontra l-istess socjeta rikorrenti. Ir-rikors ghall-hrug tal-imsemmi mandat kien gie pprezentat fl-istess gurnata li fih gie akkordat. Jirrizulta ukoll li fil-21 ta’ Dicembru 2001 is-socjeta’ rikorrenti talbet ir-revoka *in toto* jew *in parte* tal-imsemmi mandat kawrelatorju u dana skond il-provedimenti tal-artikolu 836(1) tal-Kap.12 u talbet ukoll li ir-rikors relattiv taghha (numru 1906/01) jigi deciz bl-urgenza a tenur ta’ l-artikolu 836(2) tal-Kap.12;

Jirrizulta ukoll li fid-data li gew presentati l-presenti proceduri, r-rikors ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju kien ghadu mhux deciz. In effett l-imsemmi rikors gie determinat b’digriet kamerali tat-23 ta’ Lulju 2003. Peress li l-imsemmi rikors ghar-revoka gie deciz ftit wara li gew inizjati l-presenti proceduri ser jigi konsidrat ghal finiijiet tal-presenti proceduri kemm effettivament ha zmien biex gie determinat l-istess rikors ghar-revoka. Ghalhekk jirrizulta li r-rikors ghar-revoka gie deciz circa sena u seba xhur wara li l-istess rikors gie presentat;

Bl-imsemmi digriet kamerali tat-23 ta’ Lulju 2003 giet determinata t-talba ghar-revoka tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju u dana billi giet michuda l-istess talba u billi ukoll gie impost fuq is-sekwestrant li jgib garanzija tajba biex jghamel tajjeb ghall-eventwali hlas ta’ penali u danni futuri. Jirrizulta ukoll li ftit wara li nghata dan id-digriet kamerali l-istess sekwestrant Romano’ ottjena l-hrug ta’ kontro-mandat ghar-rigward tal-mandat kawtelatorju in kwestjoni. Jidher ghalhekk li f’dan ir-rigward sar xi tip ta’ ftehim bejn Romano’ u s-socjeta rikorrenti;

Fir-rikors promotur is-socjeta rikorrenti tilmenta li kien hemm dewmien tort tal-amminstazzjoni tal-Qorti fis-sens li

xi traskrizzjonijiet ta' xhieda ma sarux fi xmien ragjonevoli. Tippremetti ukoll li dan id-dewmien ma jistax jitqies gustifikat u dana in vista tan-natura urgenti tal-proceduri in kwestjoni. Skond is-socjeta rikorrenti l-imsemmi rikors ghar-revoka kellu jigi deciz minnghajr dewmien zejjed in vista tas-somma kbira invouta u in vista tal-fatt li minhabba l-mandat kawtelatroju in kwestjoni s-socjeta rikorrenti kellha twaqqaf ghal kolox l-attivita' kummercjali taghha. Ghalhekk skond is-socjeta rikorrenti hija sofriet ksur tad-dritt fondamentali taghha ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli sancit bl-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ksur tad-dritt taghha ghall-access effettiv ghal qorti, dritt garantit bl-imsemmija artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea. Is-socjeta rikorrenti tilmenta ukoll minn ksur tal-principju ta' l-*equality of arms*, peress li l-imsemmi Romano' kien hafna aktar vantaggjat fil-hrug tal-mandat kawtrelatorju milli l-istess socjeta rikorrenti fit-talba taghha ghar-revoka tal-istess mandat kawtelatrorju. Skond is-socjeta rikorrenti hemm ukoll ksur ta' l-Artikolu 45 tal-kostituzzjoni abbinat ma' l-Artikolu 39 ta' l-istess Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea abbinat ma' l-Artikolu 6 ta' l-istess Konvenzjoni peress li hi l-vittma ta' diskriminazzjoni u dana billi l-access ghall-qorti kien hafna aktar favorevoli ghas-sekwestrant Bruno Romano'. Is-socjeta rikorenti tippremetti ukoll li l-imsemmi dewmien ingustifikat jikkonstitwixxi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha, dritt sancit bl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

Ghalhekk is-socjeta' rikorrenti qed titlob li jigi dikjarat li dan id-dewmien kiser id-dritt fondamentali taghha ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli, id-dritt ghall-access effettiv ghall-qorti, il-principju ta' l-*equality of arms,* id-dritt fondamentali ghall-protezzjoni mid-diskriminazzjoni u id-dritt fondamentali ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti. Is-socjeta rikorenti qed titlob ukoll li tinghata kumpens xieraq ghal-lezjoni tad-drittijiet fondamentali minnha sofferta u li tinghata kull rimedju iehor xieraq u opportun;

L-intimat Avukat Generali, fir-risposta tieghu, jissottometti li hu mhux legittimu kontradittur peress li hu m'ghandux

kontroll fuq l-andament tal-kawzi. Jeccepixxi fil-mertu li l-lanjanzi tar-rikorrenti huma infondati stante li anke l-organi ta' Strasburg qalu li r-ragonevolezza tat-tul tal-proceduri gudizzjarji tiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u mhux b'semplici kontegg taz-zmien li tkun damet procedura biex tigi deciza;

L-intimat Registratur tal-Qrati rrisponda li hu ukoll mhux legittimu kontradittur peress li l-funzjoni tieghu hi wahda amministrattiva u m'ghandu l-ebda kontroll fuq l-operat gudizzjarju u inoltre l-ligi tghid min f'kawza bhal din ghandu jkun il-legittimu kontradittur. Jeccepixxi ukoll li s-socjeta rikorrenti ma ezawritx ir-rimedju ordinarju kontemplat fl-artikolu 836(1) tal-Kap 12 peress li ma resqitx it-talba taghha fl-atti tac-citazzjoni relattiva. Inoltre d-dewmien in kwestjoni mhux irragonevoli peress li l-Qorti ghanda tiehu z-zmien taghha biex tiddelibera. Skond dan l-intimat ghandu jigi konsidrat ukoll il-listi ta' kawzi li ghandha quddiemha l-Qorti;

Kemm l-intimat Avukat Generali kif ukoll l-intimat l-iehor Registratur tal-Qorti qed jeccepixxu preliminarjament li huma mhumiex il-legittimi kontradituri. Ghar-rigward ta' din l-eccezzjoni preliminari kif sollevata mill-intimat Avukat Generali ghandu jinghad li f'kawzi bhal dawn hu l-Gvern, cioe' l-esekuttiv, li ghandu jirrispondi. L-artikolu 181B tal-Kap.12 jipprovdi li r-rapprezentanza gudizzjarja tal-Gvern taqa' fuq il-kap tad-dipartiment governattiv li jkun koncernat fid-disputa in kwestjoni. Is-subinciz (2) tal-istess artikolu jkompli jipprovdi li – "l-Avukat Generali jirraprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartiment tal-Gvern." Dan hu appuntu l-kaz f'din l-azzjoni u ghalhekk l-Auvkat Generali hu bla dubbju l-legittimu kontradittur f'din l-istess azzjoni. Ghalhekk ukoll din l-eccezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Generali qed tigi respinta;

Kwantu ghall-istess eccezzjoni preliminari kif sollevata mil-intimat l-iehor Registratur tal-Qorti, illum imsejjah Direttur Generali (Orati), ghandu jinghad li s-socjeta

rikorrenti fir-rikors promotur taghha tilmenta ukoll dwar dewmien li seta gie kagunat mill-amministrazjoni tal-Qorti, cioe mill-intimat Registratur tal-Qorti. Dawn l-ilmenti jirrigwardaw, kif del resto gia gie rilevat, traskrizzjonijiet ta' xhieda li skond is-socjeta rikorrenti ma tlestewx fi zmien ragjonevoli. F'dan il-kuntest anke ir-Registratur tal-Qorti hu l-legittimu kontradittur f'din l-azzjoni u b'hekk din l-eccezzjoni preliminari tal-imsemmi intimat Registratur ukoll ghandha tigi rigettata;

La darba qed tigi trattata l-kwestjoni dwar dewmien li seta' rrizulta mill-fatt li xi traskrizzjonijiet ma tlestewx f'hin ragjonevoli, ghandu jinghad li tali dewmien anki jekk jirrizulta ma jista qatt iwassal ghad-demien irragjonevoli li trid il-ligi. Hawnhekk si tratta ta' ftit granet jew ftit gimghat u ghalhekk dan id-dewmien ma jista qatt iwassal ghall-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tas-socjeta rikorrenti kif lamentat mill-istess socjeta rikorrenti. Konsegwentememnt it-talbiet rikorrenti kif ibbazati fuq dawn il-pretensjonijiet ma jistghu qatt jigu akkolti;

L-intimat Registratur tal-Qorti, ossia Direttur Generali tal-Qrati, eccepixxa wkoll li s-socjeta rikorrenti ma esawritx ir-rimedju ordinarju kontemplat fl-artikolu 836(1) tal-Kap.12 u dan billi ma resqitx it-talba taghha fl-atti tac-citazzjoni relattiva. Jidher li hawnhekk l-imsemmi intimat qed jghamel referenza ghat-talba ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju in kwestjoni. Il-Qorti frankament ma tistax tifhem din is-sottomissjoni tal-intimat Registratur tal-Qorti. Is-socjeta rikorrenti ghamlet it-talba taghha ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju skond kif titlob il-ligi permezz ta' rikors u ma kienx hemm ghalfejn li tghamel l-istess talba b'xi procedura ohra. Ghalhekk din il-Qorti zgur li mhux ser tapplika d-diskrezzjoni skond l-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni tal-intimat Registratur ghandha tigi rigettata;

Kif gia gie rilevat il-proceduri in kwestjoni gew decizi fi zmien sena u seba xhur u cioe' mill-21 ta' Dicembru 2001, meta gew presentati l-istess proceduri, sat-23 ta'  ta' Lulju 2003 meta inghata d-digriet kameralment. Irid jigi konsidrat ukoll li d-dritt ghas-smigh xiereaq fi zmien

ragjonevoli jista japplika ghall-dawk il-proceduri li jinvolvu d-determinazzjoni ta’ drittijiet jew obbligi civili. Hawnhekk si tratta ta’ procedura ghar-revoka ta’ mandat kawtelatorju u ghalhekk bl-ebda mod ma jiddeterminaw xi dritt jew obbligu civili. Il-proceduri ghar-revoka ta’ mandat kawtelatorju huma biss mizura provvizorja u bl-ebda mod ma tippregudika l-ezitu finali ta’ kawza;

Fi kwalunkwe kaz fil-kawza Konig v FRG (Series A 27 para 99, 1978) il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet li - “the state is not responsible for delay that is attributable to the conduct of the applicant. While an applicant is entitled to make use of his procedural rights, any consequential lengthening of proceedings cannot be held against the state. The responsibilities of the applicant are to ‘show diligence in carrying out the procedural steps relevant to him, to refrain from using delaying tactics and to avail himself of the scope afforded by domestic law for shortening proceedings.” Ghalhekk hu zgur li r-ragonevolezza tat-tul tal-proceduri gudizzjarji tiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u mhux fuq semplici kuntegg taz-zmien li tkun damet l-istess procedura biex tigi deciza. Hu zgur ukoll li l-istat mhux responsabbli ghal dewmien li seta kien kawzat mill-istess rikorrenti;

Gie diversi drabi ritenut li biex jigi jekk is-smigh ta xi proceduri sarx fi zmien ragjonevoli jew le ghandhom jigu esaminati xi kriterji bhal ma huma l-komplessita’ tal-kaz, l-imgieba tal-partijiet fil-proceduri in kwestjoni u l-attegament tal-awtoritajiet gudizzjarji. Jista ukoll jigi esaminat kriterju iehor u cioe’ l-mertu tal-proceduri ghar-rigward tar-rikorrenti u l-importanza ghar-rikorrent li l-proceduri jigu determinati kemm jista’ jkun malajr. Dan l-ahhar kriterju pero’ fl-opinjoni tal-Qorti hu wiehed soggettiv ghaliex hu normali li minn qed jippromuovi proceduri quddiem l-awtoritajiet gudizzjarji ghandu interss li l-istess proceduri jigu determinati fl-iqsar zmien possibbli. Ir-ragjonevolezza o meno tat-tul ta’ proceduri gudizzjarji gandha tkun ibbazata kemm jista ikun fuq kriterji oggettivi;

Fl-opinoni tal-Qorti, ma hemmx dubju, li l-proceduri in kwestjoni ma kienux xi proceduri komplessi. F’talba ghar-revoka ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelarorju ma hemmx ghalfejn li jkun hemm approfondiment specjali fil-valutazzjoni tal-provi migjuba. Id-decizjoni relattiva trid tkun ibbazata fuq il-prima facie. Il-Qorti trid tiddecidi jekk jesistux l-elementi rikjesti mil-ligi biex mandat kawtelatorju jigi revokat anke in parti u ma ghandha qatt tidhol fil-meritu tal-kwestjoni bejn il-partijiet. Dawn l-elementi huma in effett ben delineati fil-ligi. Ma hemmx dubju li jista jkun hemm kazijiet li jirrikjedu ftit aktar zmien biex jigu determinati minn ohrajn. Fl-kaz in esami jirrizulta li kien hemm bzonn ta’ mhux anqas minn ghaxar (10) seduti biex jinstemghu l-provi kollha. Inoltre l-partijiet f’dawk il-proceduri hassew il-htiega li jghamlu sottomissjonijiet bil-miktub. Fatt dan li bilfors tawwal iz-zmien tal-procediri. Barra mnn dan is-socjeta rikorrenti fl-istess proceduri in esami talbet estensjoni fit-terminu mghoti sabiex tippresenta n-nota ta’ osservazzjonijiet taghha;

Jirrizulta li sabiex inghalqu il-provi u sakhemm saru l-imsemmija sottomissjonijiet bil-miktub ittiehdu circa tmienja jew disa xhur. Il-Qorti in kwestjoni hadet daqstant zmien biex umbghad iddeciediet r-rikors kameralment. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz u tal-kriterji oggettivi sa issa esaminati fl-opinjoni ta’ din il-Qorti li t-tul taz-zmien f’dan il-kaz ma kienx wiehed irragjonevoli;

Ghandu jinghad ukoll li ma jirrizultax li s-socjeta rikorrenti bl-agir taghha kkontribwit jew kienet il-kagun tat-tul li setghu hadu il-proceduri in kwestjoni biex jigu decizi. Lanqas ma hemm dubju li l-istess socjeta rikorrenti kellha kull interess li l-proceduri in kwestjoni jimxu bi speditezza. Lanqas ma jirrizulta li s-sekwestrant Romano’ tawwal irragjonevilment il-proceduri in kwestjoni;

Hu normali li fi proceduri quddiem xi awtorita gudizzjarja ikun hemm differimenti, li ghal xi parti f’dawk l-istess proceduri ikunu jidhru li huma differimenti ghall-xejn. Fis-sitema gudizzjarju tghana Qorti partikolari trid bilfors tittratta u tiddeciedi hafna kawzi fl-istess zmien u ghalhekk hu normali ukoll li xi kawzi jiehdu ftit iktar zmien sabiex

jigu determinati. Fis-sistema gudizzjarju tghana irid jinghata zmien biex isiru n-notifiki u irid jinghata ukoll zmien bejn differiment u iehor;

Il-kalkoli li ghamlet is-socjeta rikorrenti dwar persentaggi ghar-rigward taz-zmien li ttiehed sabiex il-proceduri in kwestjoni jigu determinati huma inverosimili b'mod partikolari fil-kuntest tas-sistema gudizzjarja nostrana u kif din evolviet fuq medda ta' hafna snin. Ma hemmx dubju pero' li fi kwalunkwe kaz is-sistema gudizzjarju nostrani jtendi sabiex finalment issir gustizzja mal-partijiet kollha. Dan ma jfissirx li proceduri quddiem xi awtorita' gudizzjarja m'ghandhomx jigu decizi fi zmien ragjonevoli, kif del resto trid il-ligi tghana. Il-kalkoli li ghamlet is-socjeta rikorrenti ma jiehdux in konsiderazzjoni n-numru ta' kawzi ohra li l-Qorti kienet qed tittratta u tiddecidi fl-istess hin li kienu ghaddejjin il-proceduri in kwestjoni;

F'dan l-istadju irid jigi konsidrat li l-proceduri in kwestjoni kellhom jigu decizi, skond il-ligi, bl-urgenza. F'dan ir-rigward ghanda tinghata importanza lill-esitu tal-proceduri in kwestjoni. In effett i-Qorti kompetenti kienet iddecidiet billi cahdet it-talba tas-socjeta rikorrenti ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju. L-istess Qorti laqghat biss it-talba li s-sekwestrant Romano' kellu jghati garanzija tajba gha-rigward tal-eventwali hlas ta' penali u danni futuri;

Huwa minnu li skond l-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni in kwestjoni kullhadd ghandu id-dritt, fi proceduri gudizzjarji, ta' smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli u dan irrispettivament tal-esitu tal-istess proceduri. Hu minnu ukoll pero' li hu importanti li jigi kunsidrat li in effett ir-rikorrenti ma gie bl-ebda mod pregudikat billi l-proceduri ma gewx determinati qabel. Fil-kaz in esami t-talbiet tas-socjeta rikorrenti ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru ma gewx akkolti u ghalhekk finalment is-socjeta rikorrenti ma sofriet l-ebda pregudizzju. Il-posizzjoni tas-socjeta rikorrenti kienet dejjem tibqa l-istess anke kieku r-rikors gie determinat qabel;

Hu car li, skond is-sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti, il-kwestjoni principali hawn hi l-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u mhux it-tul ta zmien li kien necessarju sabiex ir-rikors ghar-revoka tal-istess mandat jigi degretat. Hu car li skond il-ligi s-sekwestrant Romano' kellu kull dritt li jitlob u li jottjeni l-hrug tal-mandat kawtelatorju. Tant hu hekk li t-talba ghar-revoka tal-istess mandat giet michuda mil-Qorti kompetenti. Meta l-istess sekwestrant ottjena l-hrug tal-mandat, hu assuma r-responsabilitajiet kollha skond il-ligi u ghalhekk hu passibbli ghal kull azzjoni spettanti lis-socjeta rikorrenti skond il-ligi. Hu evidenti mis-sottomissjonijiet bil-miktub tas-socjeta rikorrenti li l-lanjanzi taghha basikament jirreferu ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju;

Wahda minn dawn il-lanjanzi jirreferu ghall-ammont kbir in kwestjoni fl-istess mandat kawtelatorju. Tenut kont tas-sottomissjonijiet ohra tas-socjeta rikorrenti dwar ix-xoghol principali taghha u kemm kien jinvolvi bhala kapital u spejjez l-istess negozju, ghandu jinghad li l-ammont indikat fil-mandat kawtelatrju ma kellux iwassal ghal konsegwenzi drastici imsemmijin mill-istess socjeta rikorrenti. Bilfors li kien hemm esistenti fatturi ohra li semmai kkontribwew sabiex avveraw ruhhom dawn il-konsegwenzi;

Apparti dan kollu jista jkun li s-socjetà rikorrenti ntlaqtet hazin bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pero' bil-mandat u mhux bid-dewmien lamentat. F'dan ir-rigward is-socjeta rikorrenti ghandha ir-rimedji kollha skond il-ligi jekk tirrizulta xi responsabilita' da parti ta' minn ottjena l-hrug tal-istess mandat kawtelatorju. Inoltre hu ukoll inverosimili li s-socjeta rikorrenti ma haditx certi decizjonijiet ghar-rigward tan-negoju taghha sakhemm ma kienx hemm id-decizjoni finali dwar ir-revoka tal-mandat. Fi kwalunkwe kaz ma jirrizulta l-ebda ness ta' kawzalita bejn l-allegat dewmien fid-decizjoni tar-rikors tas-socjeta rikorrenti u d-danni li seta' ikkaguna l-mandat kawtelatorju in kwestjoni. Mandat kawtelatorju jinhareg fuq ir-responsabilita' ta' minn ikun talab il-hrug tieghu u tali responsabilita' tibqa in vigore sakhemm jibqa fis-sehh l-istess mandat;

Il-fatt li t-talba sabiex tinghata garanzija giet akkolta ma jbidel xejn minn dak kolu li gie premess. Din it-talba hi talba ghaliha u m'ghandha x'taqsam xejn ma dik li kienet it-talba principali ghar-revoka tal-mandat;

Una volta li gie stabbilit li ma kien hemm l-ebda dewmien irragjonevoli u ingustifikat fid-determinazzjoni tal-proceduri in kwestjoni u ghalhekk ma kien hemm l-ebda lezjoni tad-dritt fondamentali tas-socjeta rikorrenti li l-proceduri in kwestjoni jigu determinati fi zmien ragjnevoli, lanqas ma tirrizulta lezjoni tad-drittijiet fondamentali l-ohra kollha kif lamenatat mill-istess socjeta rikorrenti. Inoltre ma jirrizultax li l-agir tal-Qorti kien b'xi mod diskriminatorju fil-konfront tas-socjeta rikorrenti. Mill-istess agir tal-Qorti ma kien hemm l-ebda interferenza mad-dritt tas-socjeta rikorrenti li tgawdi l-possedimenti taghha. Ghalhekk it-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti ghandhom jigu michuda;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------